MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 1080/2005/1

**Carmelo Borg u Geryl Serge**

**v.**

**Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali tar-Repubblika ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Geryl Serge, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Marzu 2006. Permezz ta' citazzjoni presentata fil-11 ta' Novembru 2005, Carmelo Borg u Geryl Serge fissru li huma kienu s-suggett ta' proceduri (separati) ta' estradizzjoni quddiem il-Qorti Rimandanti sabiex jigu estraditi minn Malta – Borg ghall-Italja u Serge ghall-Belgju. Fissru wkoll li l-procedura li kienet giet addottata fil-konfront taghhom kienet dik tal-*European Arrest Warrant* – hawn aktar 'l quddiem indikat bhala EAW – liema procedura kienet giet stabbilita permezz ta' ligi sussidjarja[1] u cioe` l-Avviz Legali 320/2004 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 289/2005[2]. Skond l-atturi, ghalkemm din il-ligi sussidjarja suppost li saret mill-Ministru responsabbli mill-gustizzja taht u skond is-setgha moghtija lilu bl-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276, din il-ligi kienet fil-fatt nulla w invalida peress li kienet *ultra vires* is-setghat moghtija lill-istess Ministru, u dana peress li din il-ligi sussidjarja kienet tmur oltre l-poteri li l-ligi principali kienet taghti lill-Ministru b'tali mod li dderogat "mill-Att principali bhal li kieku tali ligi sussidjarja kienet xi ligi specjali". Premess dan, l-atturi talbu li l-Prim Awla tiddikjara li (1) il-konvenuti, jew min minnhom, kienu "marru oltre l-poteri vestiti fihom fil-ligi sussidjarja 276.05", (2) tiddikjara din il-ligi sussidjarja "invalida ai termini ta' l-Artkolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta", u (3) "tannulla u tikkancella il-legislazzjoni sussidjarja u l-Avvizi Legali hawn fuq imsemmija".

**2.** Il-konvenuti eccepew, in linea preliminari, li l-Avukat Generali ma kienx il-legittimu kontradittur u li ma kienx gie osservat mill-atturi l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12; u, fil-meritu, li l-legislazzjoni sussidjarja in kwistjoni ma kienitx *ultra vires* ghax kienet giet promulgata bl-awtorita` ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 276, artikolu li jipprovdi li meta jsir Ordni (bhalma hi l-ligi sussidjarja in kwistjoni) skond dak l-Att, dan (l-Att) ghandu jkollu effett "skond dawk il-kundizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jigi specifikat fl-Ordni".

[1] L-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni.
[2] Konsilidati fil-legislazzjoni sussidjarja 276.05.

**3.** Permezz ta’ nota ppresentata quddiem dik il-Qorti fis-27 ta’ Dicembru 2005, Carmelo Borg ceda l-atti tal-kawza, b’mod li ghalhekk is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti effettivament inghatat fil-konfront ta’ Geryl Serge biss.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**4.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet ta’ l-attur Serge, bl-ispejjez kontra tieghu, wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Jirrizulta li, fil-konfront taz-zewg atturi, ittiehdu proceduri hawn Malta bl-iskop li dawn iwasslu ghall-estradizzjoni taghhom lejn pajjiz esteru. Il-proceduri ittiehdu *ai termini* tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276), u *a bazi* tal-Avviz Legali 320 tal-2004 kif emendat. Partikolarment, l-atturi qed jallegaw li l-Avviz Legali imsemmi huwa null ghax huwa *ultra vires* il-poteri moghtija bl-Att dwar l-Estradizzjoni. *Da parti* tal-atturi qed jigi allegat li l-konvenuti, jew min minnhom, idderogaw mill-att principali u marru *oltre* l-poteri koncessi bl-imsemmi Kapitolu 276.

“Il-Qorti tikkunsidra li kif jinghad mill-awturi Wade & Forsyth fil-ktieb *“Administrative Law”* (*7th Edit.*, pagna 874), *“the courts must determine the validity of delegated legislation by applying the test of ultra vires as they do in other contexts”*. Il-Qorti trid tezamina l-hsieb centrali wara l-poteri moghtija bil-ligi principali biex tara jekk il-ligi sussidjarja impunjata tidholx fil-miri kontemplata fil-ligi principali. Hu interessanti dak li josserva l-awtur B. L.Jones fil-ktieb *“Garner’s Administrative Law”* (*7th Edit.*,pagna 72) fis-sens illi *“any form of subordinate legislation is open to challenge in the courts on the ground of ultra vires-ie., that it goes beyond the powers conferred by the enabling statute on the rule-making agency; …subordinate legislation may be ultra vires because the subordinate law-making authority, although acting impeccably as to procedure, has purported to legislate beyond the substantive scope of the powers conferred by the enabling statute”.*

“Dan ifisser li ligi sussidjarja trid tigi ezaminata fid-dawl tal-poteri moghtija bil-ligi principali. Ovvjament, dawk il-poteri hekk moghtija jridu jigu interpretati fid-dawl tal-ghan principali tal-ligi, *pero*`, il-validita` tal-ligi sussidjarja u l-effett taghhom irid jigi ezaminat fid-dawl tal-poteri moghtija bil-ligi principali.

“Issa l-Att principali huwa l-Att XVIII tal-1978 dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta’ Malta) li ghandu l-ghan, kif jinghad fl-istess ligi, biex jipprovdi ghal u dwar l-estradizzjoni, ghal u minn pajjizi ohra, ta’ persuni akkuzati b’reati jew misjuba hatja ta’ reati, u ghal kull haga li ghandha x’taqsam maghhom jew incidentali ghalihom. L-iskop ta’ dak l-Att, allura, hu biex tigi stabbilita` l-procedura li ghandha tigi segwita qabel ma’ persuna jintbaghat minn jew jingieb lejn Malta biex ikun akkuzat b’reat. Hu veru li, bhala regola generali, l-imsemmi Att jipprovdi li qabel ma’ persuna tintbaghat minn Malta lejn pajjiz esteru, il-Qrati Maltin iridu jkunu sodisfatti li jezistu xi provi fil-konfront ta’ dik il-persuna, *pero’*, l-istess Att jipprovdi li tista’ tigi stabbilita` procedura differenti. Fil-fatt, fl-artikoli 6 u 7 ta’ Att, hemm kontemplat l-estradizzjoni ta’ persuna bi procedura partikolari lejn pajjiz specifikat. L-artikolu 7(1) jaghti poter lill-Ministru responsabbli li b’ordni jispecifika l-pajjiz li mieghu ikun sar xi arrangament (inkluzi kull arrangament, divizjoni, ordni jew att iehor ta’ l-Unjoni Ewropea), u fis-subartikolu (2) jaghti poter lill-istess Ministru li fl-istess ordni jordna li l-imsemmi Att ikollu effett *“skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista’ jigi specifikat fl-ordni”*. Dan ifisser li fl-ordni mahruga mill-Ministru, huwa jista’ jbiddel u jimodifika l-procedura ta’ estradizzjoni kontemplata fl-istess Att. Isegwi, allura, li l-procedura ta’ estradizzjoni regolata fl-istess Att, mhux xi procedura ta’ ordni pubbliku jew daqshekk impellenti li tehtieg li tkun segwita senz’altru. L-istess Att jipprovdi u jaghti poter lill-Ministru ibiddel il-procedura skond arrangament milhuq ma’ pajjiz iehor specifikat. Meta Ministru johrog ordni taht l-artikolu 7 tal-Att u jipprovdi ghall-bidla fil-procedura ta’ estradizzjoni, dik il-bidla ma jkunx qed jaghmilha minn rajh jew bis-sahha tal-poteri ezekuttivi tieghu *qua* Ministru, izda bis-sahha tal-poteri li taghtih l-istess ligi. Il-bidla fil-procedura ma titqiesx

li tkun introdotta bil-ligi sussidjarja, ghax hija l-ligi principali stess li tikontempla procedura differenti kif regolata f'ordni mahruga mill-Ministru. Ghalhekk, meta f'dan il-kaz, il-Ministru li hareg ordni *a tenur* tal-artikolu 7 tal-Att (ordni regolata bl-Avviz Legali 320/2004 kif emendat), ipprovda ghall-procedura differenti, hu jkun qed jagixxi bis-sahha tal-poteri moghtija lilu bl-artikolu 7(2) tal-Att u ma jkunx qed jagixxi *ultra viris* il-poteri moghtija b'dik il-ligi.

"Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li meta Ministru hu awtorizzat idahhal bidliet, eccezzjonijiet, kundizzjonijiet jew addattamenti ghall-procedura generali kontemplata fl-Att, ma jistax jinjora kompletament dak li hu provdut fl-Att; certi regoli fundamentali ta' gustizzja u ta' principji naturali jridu jigu segwiti. F'dan il-kaz, ir-regoli komtemplati fl-Avviz Legali 320/2004, mhumiex daqshekk radikali li jwarbu ghall-kollox certi principji kontemplati fl-Att *in kwistjoni*. Hu veru li dan l-Avviz Legali jipprekludi lill-akkuzat milli jressaq provi halli jikkontradici l-akkuzi migjuba kontra tieghu minn Qorti jew Tribunal barrani, *pero`*, certi salvagwardi baqghu, u senjament l-artikoli 12 u 13 tal-Avviz Legali li jipprovdu cirkustanzi meta l-estradizzjoni m'ghandhiex tigi ordnata. Ic-cirkustanzi kontemplati fl-artikolu 13 huma, f'certu cens, vasti bizzejjed biex jkopru lill-persuna akkuzata kontra xi pregjudizzju serju. Dak l-artikolu, hu veru, ma jimponix xi htiega li l-Qorti tinvestiga l-akkuza diretta kontra l-persuna li taghha qed tintalab l-estradizzjoni, *pero`*, jista' jaghti lok ghal certa flessibilita` fil-konsiderazzjonijiet mill-Qorti imsejjha biex tittratta il-kaz.

"Jibqa' l-fatt li l-procedura differenti mahsuba fl-Avviz Legali 320/04, mhiex procedura daqstant innovattiva li ghandha titqies nieqsa minn kull salvagwardja kontemplat fl-Att, u la darba biddla fil-procedura, anke b'xi eccezzjonijiet, u kundizzjonijiet, hija awtorizzata fl-istess Att, l-imsemmi Avviz Legali ma jistax jitqies li huwa *ultra vires* il-poteri tal-Ministru.

"Tajjeb li ssir referenza wkoll ghal dak li josserva l-imsemmi awtur B. L. Jones (op. cit. pagna 126), u *cioe`*:

*"It would be wrong, however, to give the impression that the courts only allow to be done those things expressly provided for by statute, inexorably holding all else to be ultra vires. Any such doctrine would result in public authorities being unduly hampered in the discharge of their general responsibilities. Accordingly, the courts have developed a doctrine under which they interpret statutes as authorising not only those things expressly provided for, but also acts 'reasonably incidental' to those expressly stated. The classic formulation of this principle remains that of Lord Selborne in A-G vs Great Eastern Rly Co:*

*… the doctrine ought to be reasonably understood and applied, and … whatever may fairly be regarded as incidental to, or consequential upon, those things which the legislature has authorised, ought not (unless expressly prohibited) to be held, by judicial construction, to be ultra vires".*

*"Kwindi,* fil-hrug ta' legislazzjonijiet sussidjarja, trid tithalla certa diskrizzjoni lill-awtorita` kompetenti biex timplementa l-hsieb li ghalih ikun sar l-Att, u f'dan il-kaz l-Avviz Legali *in kwistjoni*, fl-assjem tieghu, jipprovdi biex jirregola mod aktar spedjenti ta' estradizzjoni ta' persuna akkuzzata b'reat f'pajjiz barra minn Malta, u dawk il-provedimenti ghandhom jitqiesu, fil-fehma tal-Qorti, li huma konformi mal-hsieb wiesgha u generali wara l-Att.

"Il-Qorti ma jidhirlix li ghandha tezamina l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, peress li, f'kull kaz, it-talbiet tal-atturi ma jimmeritawx li jkunu akkolti."

**<u>L-appell ta' Geryl Serge</u>**

**5.** Geryl Serge appella permezz ta' rikors presentat fid-29 ta' Marzu 2006. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

(i) il-ligi sussidjarja in kwistjoni tmur kontra "certi regoli fundamentali ta' gustizzja naturali u [kontra certi] principji naturali" li hemm fil-ligi principali – il-Kap. 276 – peress li jidher li l-Ministru responsabbli mill-

gustizzja interpreta l-Artikolu 7 tal-Kap. 276 bhala li jaghtih “unfettered discretion”, mentri dan kellu jagixxi “fil-limiti tal-Att [principali]”;

(ii) aktar partikolarment, id-disposizzjonijiet tal-ligi sussidjarja li hekk imorru kontra l-ligi principali huma r-regolamenti[3] 3(1) u 12 li, billi jikkozzaw ma dak li jipprovdu l-Artikolu 15 u 22, jirrestringu l-operat tal-Qorti Rimandanti fir-rigward ta’ dak li din il-Qorti ghandha tistabilixxi qabel ma tawtorizza li l-persuna tinzamm taht kustodja biex titregga’ lejn il-pajjiz li jkun hareg il-mandat; u

(iii) ir-regolament 8, u xi kliem uzati fih, “juru bic-car li l-ligi sussidjarja qeghda tmur oltre il-parametri imposti mill-Att rilevanti”.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

**6.** Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ppresentati mill-partijiet quddiem din il-Qorti fit-18 ta’ April 2006 u fl-20 ta’ April 2006, kif ukoll wara li ezaminat bir-reqqa kemm il-ligi sussidjarja in kwistjoni kif ukoll il-ligi principali u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet maghmula mill-abbili difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ April 2006, tosserva s-segwenti:

(i) Fil-kaz in dizamina, l-appellant mhux jilmenta minn xi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti b’xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, izda qieghed semplicement jallega li l-legislazzjoni sussidjarja 276.05 hija invalida u nulla ghax *ultra vires* il-poteri moghtija lill-Ministru responsabbli mill-gustizzja skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Huwa qieghed jinvoka l-Artikolu 116[4] tal-Kostituzzjoni semplicement bhala li jaghtih id-dritt li hekk jimpunja l-validita` tal-imsemmija ligi sussidjarja.

[3] Din il-Qorti ser tirreferi ghad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni – Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 – bhala “regolamenti” biex tiddistingwihom mill-“artikoli” ta’ l-Att principali – il-Kap. 276.

[4] Artikolu 116: “Dritt ta’ azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi ligi tkun invalida ghal xi ragunijiet hlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 33 sa 45 ta’ din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha minghajr distinzjoni u persuna li ggib

(ii) Kif inhu risaput, l-estradizzjoni hija manifestazzjoni tas-setgha sovrana ta' Stat, u tammonta essenzjalment ghal att "politiku" li bih Stat, tramite il-fergha Ezekuttiva tieghu, jibghat persuna lejn Stat iehor li jkun talab lil dik il-persuna sabiex din tigi, f'dak l-iStat l-iehor, jew processata ghal reat jew tiskonta l-piena wara li tkun gia giet hekk processata w instabet hatja izda tkun tinsab "unlawfully at large".

(iii) Ghalkemm teoretikament l-estradizzjoni ma tirrikjedix l-intervent tal-organi Gudizzjarji ta' l-iStat, fi Stati fejn topera "the rule of law" l-estradizzjoni hija fil-fatt soggetta ghal forma ta' kontroll jew verifika minn dawn l-organi Gudizzjarji. Il-grad ta' kontroll jew verifika ivarja minn Stat ghal Stat.

(iv) Fis-sistema taghna, apparti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni, l-estradizzjoni hija regolata bl-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276), li tipprovdi bazikament qafas ta' procedura ghall-estadizzjonijiet ghal pajjizi tal-*Commonwealth*, ghal pajjizi ohra barranin, kif ukoll, wara l-emendi introdotti bl-Att XXIV tas-sena 2002, procedura ghal talbiet mill-Qorti Kriminali Internazzjonali ghall-arrest u konsenja ta' persuna li tkun allegata li ghamlet delitt (li fuqu dik il-Qorti ghandha gurisdizzjoni) jew li tkun giet misjuba hatja mill-imsemmija Qorti. L-istess ligi tirregola, ghalkemm b'mod anqas dettaljat, kif jigu trattati persuni li jingiebu lura Malta wara talba ghal estradizzjoni li tkun ghamlet Malta (Artikoli 25 u 26), kif ukoll it-trasferiment ta' persuni biex jiskontaw sentenzi f'pajjiz partikolari meta s-sentenza tkun inghatat f'pajjiz iehor (Artikolu 29). Dan il-qafas jinkludi wkoll (fejn si tratta ta' estradizzjoni minn Malta u konsenja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali) kontroll jew verifika mill-organi Gudizzjarji (ara dwar kontroll Gudizzjarju **Ronald Agius v. Avukat Generali et**, *passim*, Qorti Kostituzzjonali 30 ta' Novembru 2001).

(v) Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-ligi sussidjarja in kwistjoni – l-Ordni dwar Pajjizi Barranin

azzjoni bhal dik ma tkunx mehtiega turi xi interess persunali b'appogg ghall-azzjoni taghha."

Appuntati dwar l-Estradizzjoni – sar (jew, skond l-attur appellant, jidher li sar) in virtu` tas-setghat moghtija lill-Ministru responsabbli mill-gustizzja skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 276. Dana l-artikolu, fil-partijiet rilevanti tieghu riferibbilment ghall-qofol tal-kontestatzzjoni meritu ta' din il-kawza, ighid hekk:

"(1) Il-Ministru jista' b'ordni jispecifika ghall-finijiet ta' l-artikolu 6[5] kull pajjiz li mieghu jkun hemm jew ikun sar arrangament, inkluzi kull arrangament, decizjoni, ordni jew att iehor ta' l-Unjoni Ewropea maghmulin taht jew skond it-Trattat[6], kemm qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-artikolu, ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' kull kriminali mahrub[7]; u kull pajjiz li f'dak iz-zmien ikun hekk specifikat qieghed f'dan l-Att jissejjah pajjiz barrani specifikat…..

(2) Il-Ministru jista' bl-istess ordni jew b'ordni iehor wara jordna li dan l-Att ikollu effett dwar it-treggigh lura ta' persuni ghal jew minn, jew dwar il-persuni mreggghin lura minn, xi pajjiz barrani specifikat, skond dawk il-kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki kif jista' jigi specifikat fl-ordni."[8]

(vi) Kif tajjeb josservaw il-konvenuti appellati, il-kliem sottolineat huwa intiz biex jaghti element ta' flessibilita` fl-addattament ta' l-Att, cioe` tal-Kap. 276, ghall-"arrangamenti"[9] (u fil-kaz ta' pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropea, ghal "decizjoni, ordni jew att iehor ta' l-Unjoni Ewropea maghmulin taht jew skond it-Trattat") li jkun hemm fir-rigward ta' pajjizi specifikati. Din il-flessibilita` ghall-finijiet ta' tali addattament mhux xi haga gdida. Fis-sistema ta' estradizzjoni kif abraccjat fir-Renju Unit, u li Malta piu` o meno dejjem segwiet, wiehed isib gia hjiel ta' dawn il-"kondizzjonijiet, eccezzjonijiet, addattamenti jew modifiki" fl-*Extradition Act 1870* [33 & 34 Vict. c. 52], u precisament fl-Artikolu 2 li kien jipprovdi hekk:

---

[5] Cioe` ghall-finijiet ta' estradizzjoni ghal "pajjiz barrani specifikat".
[6] Skond is-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu 7, ghall-finijiet ta' dan l-artikolu "it-Trattat" ghandha l-istess tifsira moghtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460.
[7] Ara d-definizzjoni ta' "kriminali mahrub" fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 276.
[8] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[9] Ara d-definizzjoni ta' "arrangament" fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 276.

"Where an arrangement has been made with any foreign State with respect to the surrender to such foreign State of any fugive criminals, Her Majesty may, by Order in Council, direct that this Act shall apply in the case of such foreign State. Her Majesty may, by the same or any subsequent Order, limit the operation of the Order, and restrict the same to fugitive criminals who are in or suspected of being in the part of Her Majesty's dominions specified in the Order, and render the operation thereof subject to such conditions, exceptions, and qualifications as may be deemed expedient…"[10]

F'dan il-kuntest l-awturi Alun Jones u Anand Doobay, fil-ktieb taghhom **Extradition and Mutual Assistance**[11] jikkummentaw hekk:

"The 1870 Act provided that it should apply in any case where "an arrangement" had been made with any foreign state for extradition and where an Order in Council[12] directed it to apply to such state. It therefore enacted a general system, which might be introduced in full or in modified form with any foreign state. The Act acknowledged that extradition was primarily a political act: the surrender by one government to another of an alleged criminal. Thus, the Secretary of State was given a discretion in every case whether to issue an order to proceed under s.7. At the end of the court process he was given by s.11 a further discretion whether to surrender."[13]

Disposizzjonijiet aktar simili ghal taghna, cioe` li jaghtu s-setgha lill-Ezekuttiv li jipprovdi li l-ligi principali tkun tapplika kollha jew in parti fir-rigward ta' "arrangamenti" partikolari, jidher li bdew jigu inseriti f'legislazzjoni

---

[10] Ara l-appendici fil-ktieb ta' Sir Edward Clarke **A Treatise upon the Law of Extradition**, Stevens & Haynes (London), 1888. Sa hawnhekk il-"conditions, exceptions and qualifications" jidher li kienu japplikaw ghall-Ordni u mhux ghall-Att.

[11] Sweet & Maxwell (London) 2005.

[12] Dwar kif Ordnijiet fil-Kunsill kienu japplikaw trattati ta' estradizzjoni, iffirmati mir-Renju Unit ma' pajjizi barranin, ghal Malta, ara *passim* is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-28 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet **Anthony Satariano v. L-Avukat Generali et**.

[13] Pagna 16, para. 1-013.

sussegwenti. Hekk, per ezempju, fl-*Extradition Act 1989*[14] wiehed isib, fl-Artikolu 4(1) (li jirrigwarda *"return to foreign states"*):

"Where general extradition arrangements have been made, Her Majesty may, by Order in Council reciting or embodying their terms, direct that this Act, so far as it relates to extradition procedures under Part III of this Act, shall apply as between the United Kingdom and the foreign state, or any foreign state, with which they have been made, subject to the limitations, restrictions, exceptions and qualifications, if any, contained in the Order."

U fir-rigward ta' *"return to Commonwealth countries and colonies"* insibu fl-Artikolu 5(3), dejjem f'din il-ligi ingliza ta' l-1989:

"Her Majesty may by Order in Council direct that this Act shall have effect in relation to the return of persons to, or in relation to persons returned from, any designated Commonwealth country or any colony subject to such exceptions, adaptations or modifications as may be specified in the Order."[15]

(vii) Ghalhekk ma hemmx dubju – anke fuq il-bazi tal-precedenti inglizi – li l-Ministru responsabbli mill-gustizzja jista', meta jigi biex jaghti effett, permezz ta' ordni, ghal xi "arrangament" ma pajjiz jew pajjizi barranin, jillimita l-applikazzjoni ta' l-Att (il-Kap. 276) fir-rigward ta' dak l-arrangament partikolari.

(viii) Kemm mir-rikors ta' appell kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet presentata mill-appellant fl-20 ta' April 2006, hu car li l-bazi principali, jekk mhux addirittura l-bazi wahdanija, li fuqha l-appellant qed jikkontesta l-validita` tal-ligi sussidjarja tikkonsisti fir-realta` fil-fatt li, meta si

---

[14] Ara Stanbrook I. u Stanbrook C., **Extradition Law and Practice**, OUP, 2000, Appendix I.

[15] Din id-disposizzjoni tikkorrispondi ghall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 276. Ara wkoll l-Artikolu 222 tal-*Extradition Act 2003* li jipprovdi hekk: *"An Order in Council may provide for this Act to extend to any of the Channel Islands or the Isle of Man with the modifications (if any) specified in the Order"*.

tratta tat-treggigh lura minn Malta ta' persuna in forza ta' EAW – u ghalhekk b'applikazzjoni tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Gunju 2002 – il-Qorti Rimandanti giet "limitata" fil-verifika gudizzjarja taghha in kwantu, differentement ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 15 tal-Kap. 276, hija ma tistax tivverifika, fis-sens li tisma' provi, biex dak li jkun "jikkontesta" l-akkuza li tkun qed tingieb kontra tieghu (fil-pajjiz barrani), u dan peress li dik il-Qorti hi limitata ghall-verifiki msemmija fir-regolamenti 12 u 13 tal-Ordni (kif elaborati fir-regolamenti 14 sa 22). Din il-Qorti, pero`, ma tara ebda validita` f'dan l-argument. Kif diga` inghad, tali limitazzjoni hi permissibbli; u sakemm dik il-limitazzjoni ma tmurx oltre dak li tipprovdi l-istess Decizjoni Kwandru (haga li mhux qed tigi allegata mill-appellant) u sakemm l-istess limitazzjoni u l-ligi sussidjarja kollha kemm hi ma tkunx saret ghal skopijiet li jezorbitaw mill-ghanijiet tal-ligi principali, allura ma jistax jinghad li l-ligi sussidjarja in dizamina hija invalida ghax *ultra vires*. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni jaghmel restrizzjonijiet fuq il-verifika gudizzjarja li huma permissibbli, ma humiex irragjonevoli[16], ma jikkozzawx ma' xi principji ta' gustizzja naturali, u li jinkwadraw fl-iskop tal-ligi principali, cioe` dak li tigi regolata l-estradizzjoni ta' persuna minn Malta ghal pajjiz barrani – f'dan il-kaz pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea fejn principju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis-sistema tal-gustizzja ta' xulxin. Ta min isemmi f'dan ir-rigward li anke meta si tratta ta' konsenja ta' hatjin lill-Qorti Kriminali Internazzjonali, id-disposizzjonijiet tal-istess Kap. 276 jillimitaw il-verifika gudizzjarja ghal dak specifikat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 26F; u s-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu specifikatament jipprovdi li *"Meta tiddeciedi li taghmel ordni ta' konsenja l-qorti*[17] *m'ghandhiex ghalfejn tinvestiga (a) jekk xi ordni mahrug mill-ICC tkunx inharget kif imiss jew le, jew (b) fil-kaz ta' persuna li tkun allegata li ghamlet delitt ICC, jekk ikunx hemm provi li jiggustifikaw li tigi processata ghal xi reat li tkun allegata li ghamlet."*

[16] Persuna jibqghalha, per ezempju, d-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll id-dritt ghal rimedju kostituzzjonali – ara r-regolamenti 25 u 32.
[17] Il-Qorti Rimandanti – ara l-Artikolu 26E(1) tal-Kap. 276.

(ix) Kwantu ghar-regolament 8 tal-ligi sussidjarja, imsemmi esplicitament fir-rikors ta' appell, din il-Qorti tosserva li dan ir-regolament jirrifletti l-artikolu 1(2) tad-Decizjoni Kwadru u jaddatta, fil-fehma ta' din il-Qorti b'mod permissibbli u legittimu, l-Artikolu 14 tal-Kap. 276 billi jipprovdi li l-EAW ghandu jkollu ezekuzzjoni diretta – u ghalhekk minghajr il-htiega tal-intervent ta' magistrat f'Malta – salv pero` is-salvagwardja tal-konferma, da parti ta' l-Avukat Generali, li dak il-mandat ta' arrest ikun hareg minn awtorita` fil-pajjiz rikjedent li ghandha l-funzjoni li tohrog tali mandati.

(x) L-appellant huwa korrett meta jghid li l-Artikolu 7 tal-Kap. 276 ma jaghtix lill-Ministru responsabbli mill-gustizzja *unfettered discretion*. Pero` kif gia gie spjegat fil-paragrafu (viii), *supra*, din il-Qorti ma tara xejn, fuq il-bazi ta' dak li gie trattat u argumentat quddiemha, li jista' jwassalha ghall-konkluzjoni li l-legislazzjoni sussidjarja 276.05 hija invalida in kwantu *ultra vires*. F'dan il-rigward din il-Qorti tikkondividi pjenament l-osservazzjonijiet u l-kummenti maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Din il-Qorti semplicement izzid maghhom is-segwenti osservazzjoni ta' P. P. Craig[18]:

"A piece of delegated legislation may also be struck down because its substance infringes the parent Act or some other primary statute. This can occur in a number of ways. For example, although we have no written constitution the courts do utilise certain constitutional principles when construing delegated legislation. An instrument which contravenes such principles will be declared void unless statutory authority can be produced to justify the action…Subordinate legislation will in addition be subject to many of the substantive checks which apply to administrative action in general. Powers are granted for certain purposes. If it could be shown that subordinate legislation was being used for purposes other than those intended by the parent Act it would be declared void. So would it if the powers were unreasonable. An instrument

---

[18] **Administrative Law**, Sweet & Maxwell (London), 1989.

will not be held to be unreasonable only because the particular judges disagree with its content or think that it goes further than is prudent, necessary or convenient. To be struck down on this ground the instrument must be manifestly unjust, involve the oppressive or gratuitous interference with the rights of those subject to it such as could find no justification in the minds of reasonable men, disclose bad faith, or be partial and unequal in its operation as between different classes. An instrument may also be unreasonable if it is too vague, but the courts may well place a generous construction on statutory instruments in certain instances…”[19].

**Decide**

**7.** Ghar-ragunijiet premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[19] Pagni 186-187.